MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 95/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Mario Degiorgio**

Kaz Numru: 95/2012

Illum 24 ta' Settembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Mario Degiorgio**, ta' sitta u hamsin (56) sena, iben il-mejjet Francis u Mary neé Mifsud, imwieled Floriana, Malta, nhar il-15 ta' Awwissu 1956, u joqghod fil-fond 'The Residence', Triq Gerry Zammit, Gzira, Malta, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 554556(M), akkuzat talli fis-

27 ta' Awwissu 2012, f'xi hin bejn 12:30hrs u 13:30hrs u/jew fil-jiem ta' qabel, f'diversi nhawi ta' Ghawdex, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor ghad-dannu ta' George Zammit, liema hsara teccedi aktar minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€ 1.164.69c);

2. aktar talli nhar is-27 ta' Awwissu 2012, f'xi hin bejn 12:30 u 13:30hrs, waqt li kien qieghed fi Triq ix-Xatt, Ghajnsielem, Ghawdex jew fil-vicinanzi, ingurja lil George Zammit bil-kliem.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "C" – *a fol.* 9).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xiehda ta' George Zammit fis-seduta tallum.

Semghet, in segwitu tax-xiehda moghtija minn George Zammit fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat illi, fis-seduta tallum, l-imputat hallas is-somma ta' elf u hames mitt Euro (€ 1,500) lill-parti leza George Zammit li, da parte tieghu, ikkonferma li giet mghoddija lilu tali somma.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, il-fedina penali tal-imputat (Dok. “B” – *a fol.* 8), l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u l-fatt li l-imputat hallas is-somma ta’ elf u hames mitt Euro (€ 1,500) lill-parti leza George Zammit.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 18, 325(1)(a) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Mario Degiorgio hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------